# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum it-Tnejn 30 ta' Settembru, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 69/2018 MH**

**Numru:1**

**Joseph Lebrun**

**vs**

**Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija,**

**Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali u**

**l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta'**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent tal-20 ta' Ġunju 2018** permezz ta' liema ppremetta u talab –

***"Fatti tal-Kaz***

*Illi fis-sena Elfejn u Ħamsa (2005), il-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga daħlitilhom informazzjoni li l-akkużat* **Joseph Lebrun** *flimkien ma' żewġ persuni oħra, kienu nvoluti f'operazzjoni lleċita biex tiġi mportata f'Malta kwantita' ta' droga għall-iskop ta' traffikar. Skond din l-informazzjoni, id-droga kienet ser tiddaħħal Malta bil-baħar fl-inħawi taċ-Ċirkewwa.*

*Illi jirrizulta illi l-Ufficjal tal-pulizija inkarigat minn din l-operazzjoni jew ahjar investigazzjoni, operazzjoni li kienet qed titmexxa id f'id mas-Servizzi tas-Sigurta' li kienu qed jintercettaw xi telefonati marbuta ma' allegat kongura dwar importazzjoni ta' droga f'Malta. Illi l-istess Ufficjali tal-Pulizija jikkonfermaw illi d-dettalji dwar kif bdiet tizvolgi din l-allegata importazzjoni ta' droga giet miksuba mit-telefonati li gew interecettati mis-Servizzi tas-Sigurta' li kienu qed jindikaw ukoll in-nies li setghu kienu involuti fl-istess operazzjoni. Fil-fatt, jidher illi abbazi ta' dawn it-telefonati l-pulizija bdew isegwu il-movimenti ta' xi nies li dehrilhom li setghu kienu involuti biex b'hekk fil-jum indikat fl-att ta'l-akkuza, il-Pulizija wasslu sabiex jintercettaw importazzjoni ta' droga erojina mertu tal-kaz.*

*Illi sussegwentement l-esponenti gie mressaq il-Qorti b'arrest quddiem il-Qorti talMagistrati (Malta) fis-6 ta' Settembru 2005 akkuzat b'diversi reati skond l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap. 101 (senjatament assocjazzjoni, importazzjoni, traffikar u pussess ta' erojina) kif ukoll li huwa recidiv. Peress illi l-ordni ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) ta' l-imsemmi Kap. 101 kien li l-imsemmi Lebrun ghandu jigu ggudikat mill-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghall-istruttorja skond il-ligi. Fi tmiem l-istruttorja, u cioe` fl-istadju kkontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti Istruttorja iddecidiet, b'digriet moghti fit-23 ta' Novembru 2005, li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-esponent Lebrun jitqieghed taht att ta' akkuza u lliberat (ossia helset) lill-istess esponent. Dik il-Qorti, kif rikjest mil-ligi, baghtet l-atti lill-Avukat Generali.*

*L-Avukat Generali ipprevalixxa ruhu minn dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 433 tal-Kodici Kriminali, u wara li kkonsulta ma' Imhallef li ma joqghodx ordinarjament fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew fil-Qorti Kriminali, hareg l-appozitu mandat ta' arrest fis-7 ta' Dicembru 2005. Il-*

*Pulizija Ezekuttiva, in forza ta' dak ilmandat, irriarrestat lil Joseph Lebrun u l-ghada, 8 ta' Dicembru 2005, regghet ressqitu quddiem il-Qorti talMagistrati bhala Qorti Istruttorja. Illi l-esponent intavola proceduri kostituzzjonali fejn attakka l-procedura adoperata mill-Avukat Generali stante illi din mhix konformi mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Qorti Kostituzzjonali tatu ragun.*

*Illi sussegwentement ghall-kawza kostituzzjonali l-Ligi inbidlet halli tkun konformi mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u konsegwentement il-proceduri kriminali fil-konfront tal-esponent tkomplew. Finalment inhareg l-Att tal-Akkuza bin-numru 9/2014 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun.***

***Lanjanzi Kostituzzjonali***

1. ***L-Illegalita' tal-Intercettazzjonijiet ta' telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta' ta' Malta***

*Illi l-esponent jirrileva illi l-kaz tieghu hu msejjes principarjament fuq l-intercettazzjonijiet ta' telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta' ta' Malta illi saru bejn l-esponent u persuni ohra;*

*Illi jirrizulta u dan anke mix-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi illi tali intercettazzjonijiet ta' telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta' ta' Malta kienu saru a bazi ta' mandati awtorizzati mill-Ministru tal-Intern [responsabbli minn tali intercettazzjonijiet fil-perjodu tal-akkadut];*

*Illi l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta [Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta] jipprovdi l-funzjonijiet tas-Servizz u cioe' primarjament il-protezzjoni tas-Sigurta' Nazzjonali u funzjonijiet ohra bhal prevenzjoni jew kxif ta' delitti gravi. Illi l-istess Att fl-artikoli sussegwenti jipprovdi dwar il-hrug tal-mandati relattivi anke ghall-intercettazzjonijiet telefonici fejn anke jistabbilixxi ili l-mandati ghall-intercettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet ghandhom jinhargu biss bil-miktub mill-Ministru Responsabbli mis-Servizz jew f'kaz ta' urgenza sahansitra jista' jinhareg bil-miktub mis-Segretarju Permanenti jew mis-Segretarju tal-Kabinett jekk awtorizzat mill-Ministru;*

*illi l-Att jipprovdi illi kollox ghandu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u sahansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas, kwazi inezistenti, u jeskludu anke sktrutinju sahanistra mill-Qorti anke meta tali intercettazzjonijiet jintuzaw fi proceduri penali;*

*Illi ghalkemm huwa principju kardinali illi l-Pulizija Ezekuttiva ghandu jkollha l-ghodda necessarja sabiex tipprevjeni reati kriminali izda jigi rilevat illi l-Legislatur bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta [Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta] ghazel illi jaghti parti mill-ghodda mehtiega lill-istituzzjonijiet sigriet lil hinn minn kull skrutinju gudizzjarju u ghalhekk bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

*Illi ladarba l-prosekuzzjoni ghazlet li tezebixxi l-intercettazzjonijiet telefonici bhala prova, kull azzjoni tal-awtoritajiet koncernati in konnessjoni ma' tali intercettazzjonijiet hija suggetta ghall-iskrutinju gudizzjarju anke in vista tal-kuncett ta' equality of arms.*

*Illi jigi rileva tilli minn fost il-pajjizi kollha membri tal-Unjoni Ewropea huma Malta u r-Renju Unit [ghalkemm fil-Ligi Ingliza gew postulati salvagwardji illi fil-Ligi Maltija gew kompletament injorati] biss fejn il-mandati ghall-intercettazzjonijiet telefonici jinhargu mill-Ministru Responsabbli mill-Intern u minghajr ebda kontroll mill-organu gudizzjarju;*

*Illi dan ifisser illi tali intercettazzjonijiet fil-kaz odjern saru ai termini ta' mandat mahrug mill-Ezekuttiv u mhux minn awtorita' gudizzjarja u ghalhekk mhemmx skrutinju gudizzjarju u serhan tal-mohh fl-esponent illi tali prova ngabret b'mod trasparenti;*

*Illi ghalhekk l-awtorizzazzjoni gudizzjarja jew quasi-gudizzjarja indipendenti mill-operat tal-Pulizija hija neccessarja u mehtiega sabiex jigu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan halli jigi sorveljat l-operat tal-istess Pulizija Ezekuttiva f'dik l-investigazzjoni;*

*Di piu' jigi rilevat illi l-Artikolu 18 (5) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' wkoll huwa leziv stante illi jipprojbixxi l-Qrati milli jintervjenu fl-ezercizzji*

*tal-poteri moghtija fl-istess att. Dan ifisser illi l-Qrati mghandhomx u ma jistghux skont l-istess Att jissindikaw il-poteri tal-Att innifsu u dan ovvjament imur kontra l-ispirtu tal-Konvenzjoni Ewropea senjatament l-Artikolu 13.*

*Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern dawn is-salvagwardi ma sarux u ghalhekk kwalunkwe intercettazzjoni illi saret hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponent senjatament l-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 32 (cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan anke kif jirrizulta minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi kif gie rilevat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Leander vs Sweden [deciza fis-26 ta' Marzu 1981]:*

*there is the risk of undermining or even destroying democracy on the grounds of defending it.*

*Illi di piu' l-istess Qorti fil-kaz Weber and Saravia vs Germany qalet hekk:*

*the risk that a system of secret surveillance for the protection of national security may undermine or even destroy democracy under the cloack of defending it.*

*Fil-fatt, fil-kaz Lamber vs France l-Qorti rriteniet illi:*

*the rule of law implies, inter alia, that interference by the executive authorities with an individual's rights should be subject to an effective control.*

*Illi inoltre fil-kaz Klass & Others vs Germany intqal hekk:*

*an individual may, under certain conditions, claim to be the victim of a violation occasioned by the mere existence of secret measures or of legislation permitting secret measures, without having to allege that such measures were in fact applied to him. The relevant conditions are to be*

*determined in each case according to the Convention right or rights alleged to have been infringed, the secret character of the measures objected to, and the connection between the applicant and those measures.*

…

*One of the fundamental principles of a democratic society is the rule of law, which is expressly referred to in the Preamble to the Convention. The rule of law implies inter alia, that interference by the executive authorities with an individual's rights should be subject to an effective control which should normally be assured by the* ***judiciary,*** *at least in the last resort, judicial control offering the best guarantees of independence, impartiality and a proper procedure.*

*Illi fil-fatt, jigi rilevat illi fil-kaz Bykov vs Russia gie rilevat is-segwenti:*

*76. The Court reiterates that the phrase "in accordance with the law" not only requires compliance with domestic law but also relates to the quality of that law, requiring it to be compatible with the rule of law. In the context of covert surveillance by public authorities, in this instance the police, domestic law must provide protection against arbitrary interference with an individual's right under Article 8. Moreover, the law must be sufficiently clear in its terms to give individuals an adequate indication as to the circumstances in which and the conditions on which public authorities are entitled to resort to such covert measures (see Khan v. the United Kingdom, no. 35394/97, § 26, ECHR 2000-V).*

…

*78. The Court has consistently held that when it comes to the interception of communications for the purpose of a police investigation, "the law must be sufficiently clear in its terms to give citizens an adequate indication as to the circumstances in which and the conditions on which public authorities are empowered to resort to this secret and potentially dangerous interference with the right to respect for private life and correspondence" (see Malone v. the United Kingdom, 2 August 1984, § 67, Series A no. 82). In particular, in order to comply with the requirement of the "quality of the law", a law which confers discretion must indicate the scope of that discretion, although the detailed procedures and conditions to be observed do not necessarily have to be incorporated in rules of substantive law. The degree of precision*

*required of the "law" in this connection will depend upon the particular subject-matter. Since the implementation in practice of measures of secret surveillance of communications is not open to scrutiny by the individuals concerned or the public at large, it would be contrary to the rule of law for the legal discretion granted to the executive – or to a judge – to be expressed in terms of an unfettered power. Consequently, the law must indicate the scope of any such discretion conferred on the competent authorities and the manner of its exercise with sufficient clarity to give the individual adequate protection against arbitrary interference (see, among other authorities, Huvig v. France, 24 April 1990, §§ 29 and 32, Series A no. 176-B; Amann v. Switzerland [GC], no. 27798/95, § 56, ECHR 2000-II; and Valenzuela Contreras v. Spain, 30 July 1998, § 46, Reports of Judgments and Decisions 1998-V).*

*Fil-kawza Kennedy vs UK intqal hekk:*

*118. It is not disputed that mail, telephone and email communications, including those made in the context of business dealings, are covered by the notions of "private life" and "correspondence" in Article 8 § 1. 119. The Court has consistently held in its case-law that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to, or affected, the applicant gave rise to a violation of the Convention (see, inter alia, Klass and Others, cited above, § 33; N.C. v. Italy [GC], no. 24952/94, § 56, ECHR 2002-X; and Krone Verlag GmbH & Co. KG v. Austria (no. 4), no. 72331/01, § 26, 9 November 2006). However, in recognition of the particular features of secret surveillance measures and the importance of ensuring effective control and supervision of them, the Court has permitted general challenges to the relevant legislative regime.*

*Illi jigi rilevat ukoll illi fil-kaz odjern il-mandati relattivi ghall-intercettazzjonijiet qatt ma gew esebiti fil-proceduri kriminali u ghalhekk dan il-fattur flimkien mal-ohrajn imsemmija hawn fuq ikompli jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

*2. **L-Illegalita' fiz-zamma ta' data generata jew processata***

*Illi inoltre l-esponent jirrileva illi permezz ta' Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu tas-sena 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE [Data Retention Directive], gew armonizzati d-dispozizzjonijeit tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea relatati maz-zamma, mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, ta' data ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri bil-ghan li tiggarantixxi d-disponibilita' ta' din id-data ghall-finijiet ta' prevenzjoni, ricerka, identifikazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati;*

*Illi jigi rilevat izda illi d-Direttiva 2006/24/KE imponiet inter alia obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni li jzommu data tal-users tas-servizzi taghhom li tigi ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri ghall-finijiet li jaghmlu lil din id-data accessibbli lill-awtoritajiet nazzjonali [data retention obbligation];*

*Illi din id-Direttiva giet trasposta hawn Malta permezz tal-Avviz Legali 198 tal-2008 u cioe' Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici. Fil-fatt, din id-Direttiva tinsab implimentata fil-Ligi Maltija fit-Taqsima II (Zamma ta' Data) tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L. 440.01];*

*Illi izda jigi rilevat illi permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea gie rilevat illi din id-Direttiva surreferita hija invalida u llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi [vide: Digital Rights Ireland Ltd vs Minister for Communications, Marine and Natural Resources et]. Illi sussegwentement diversi Qrati Kostituzzjonali ta' Stati Membri ohra ddikjaraw illi l-legislazzjoni nazzjonali taghhom li timplimenta din id-Direttiva huma nulli u bla effett;*

*Illi ghalhekk stante illi din id-Direttiva giet dikjarata invalida u llegali isegwi illi f'Malta l-istess l-Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-*

*Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L. 440.01] illi huma bbazati fuq l-istess Direttiva huma wkoll nulli u bla effett;*

*Illi dan ifisser illi kull zamma ta' data mill-forrnituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet ta' tali data u uzua ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' ohra hija llegali u leziva ghad-drittijeit fundamentali tal-esponenti. Illi inoltre kwalunkwe data migbura fil-kaz odjern bis-sahha tal-legislazzjoni sussidjarja fuq imsemmija ma tistax tigi uzata fi proceduri kriminali billi hija migjuba llegalment u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ghalhekk tali data ghandha tigi sfilzata mill-inkartament kriminali fil-kaz odjern;*

*Illi ghaldaqstant il-Legislazzjoni fuq imsemmija, ossia, l-Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L. 440.01] huma invalidi u llegali u l-uzu ta' tali data fi proceduri kriminali ai termini ta' din il-Legislazzjoni jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ossia l-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 39 u 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi l-intercettazzjonijiet fil-kaz odjern saru ai termini ta' mandat mahrug mill-Ezekuttiv u mhux minn awtorita' gudizzjarja u ghalhekk mhemmx skrutinju gudizzjarju u serhan tal-mohh fl-esponent illi tali prova ngabret b'mod trasparenti;*

*2. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi zamma ta' data mill-forrnituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta'*

*komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet ta' tali data u uzu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' ohra hija llegali u leziva;*

3. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;"*

Rat **ir-risposta tal-intimati tas-27 ta' Lulju 2018**[1] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*"Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma mibnija fuq zewg binarji fis-sens illi fl-ewwel lok "gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32 (cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi l-intercettazzjonijiet fil-kaz odjern saru ai termini ta' mandate mahrub mill-Ezekuttiv u mhux minn awtorita' gudizzjarja u ghalhekk mhemmx sfrutinju gudizzjarju u serhan tal-mohh fl-esponenti illi tali prova ngabret b'mod trasparenti" u fit-tieni lok illi "gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32 (cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi zamma ta' data mill-forrnituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet ta' tali data u uzu ta' tali data "mill-Pulizija u kwalunkwe entita' ohra hija llegali u leziva".*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:-*

1. *Illi in linea preliminari, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru tal-lntern u s-Sigurta' Nazzjonali u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' mhumiex il-legittimi kontradittturi stante li l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-kostituzzjonalita' o meno ta' ligi u li ghalhekk l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija, Ministru tal-Intem u s-Sigurta' Nazzjonali u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' ghandhom jigu dikjarati bhala mhux il-legittimi kontradittturi u jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, in kwantu l-allegazzjonijiet ta' ksur huma mibnija abbazi ta' l-Artikolu 32 tal-kostituzzjoni, l-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruhhom li*

[1] Fol 14 et seq

*jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikolu qatt ma jistghu invokati.*

*L-esponenti jirrilevaw illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinciz tieghu jeskludi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32 ta' l-istess Kostituzzjoni meta tiprovdi s-segwenti:*

*"46. (l) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din l-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju".*

*L-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali per se u dan peress illi l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-ArtikoIi 46 (1) tal-Kostituzzjoni.*

3. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabilita' tal-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni liema artikolu ma jaghti l-ebda dritt ta' azzjoni izda jiddelinea l-principju generali tal-poter legislattiv li huwa vestit fil-Parlament;*

4. *Illi in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi huwa qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghad ghandu a disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Illi l-ammissibilita' ta' xhieda u dokumenti fi proceduri kriminali taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Qrati penali u dan skont il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu l-possibilita' li jqajjem l-oggezzjoni tieghu kemm ghall-intercettazzjonijiet kif ukoll ghall-uzu tad-data quddiem il-qrati kriminali ordinarji u huma dawk il-qrati li ghandhom il-kompitu li jiddeciedu tali kwistjonijiet. Illi dan ir-rimedju kien disponibbli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn setgha jattakka tali prova u tali rimedju xorta wahda ghadu disponibbli ghall-istess rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali fejn l-istess jista' jqajem eccezzjoni preliminari sabiex jattakka l-ammissibbilita' ta' tali evidenza. F'dan ir-rigward l-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonafi taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);*

5. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u mghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara* ***Adrian Busietta vs Avukat Generali*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u* ***Dimech v. Malta*** *deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In Vista ta dan it-taghlim, l-esponenti jirrilevaw li t-talba fir-rikors promotur hija wahda intempestiva u prematura tenut kont li l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghadhom mhumiex konkluzi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala intempestiva minn dina l-Onorabbli Qorti.*

6. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega illegalita' tal-intercettazzjonijiet ta' telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta' ta' Malta bi ksur tal-Artikoli 6, 8, 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u jiffoka fuq l-aspett ta' min jaghmel l-awtorizzazzjoni ghal tali intercettazzjonijiet telefonici, l-esponent jibdew billi jissottomettu li bhala principju generali l-Konvenzjoni Ewropeja ma tipprojbixxix intercettazzjonijiet telefonici. Ghall-kuntrarju, il-Qorti Ewropeja irrikonoxxiet li fil-glieda kontra certu reati li huma kkunsidrati bhala serji hemm il-htiega li jkun hemm sorveljanza fil-kommunikazzjonijiet. Dan huwa koll rikonoxxut bil-promulgazzjoni ta' diversi Konvenzjonijiet mill-Kunsill tal-Ewropa fejn espressament jirrakomanda l-uzu ta' intercettazzjonijiet bhala mizura specjali ta' investigazzjoni (ara Council of Europe Criminal Law Convention on Corruption).*

*L-esponenti jissottometu li l-Artikoli 7 u 8 tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdu b'dettaljatament u b'mod car x'ikopri mandat ta' intercettazzjoni, il-mod kif ghandu jinhareg mandat u t-terminu ta' validita' tal-mandat. Illi l-Artikoli 13 tal-Kap. 391 jahseb ghall-investigazzjoni ta' ilmenti u l-Artikolu 12 tal-Kap. 391 jahseb ghall-hatra tal-Kummissjunarju li ghandu l-funzjoni li jinvestiga l-ilmenti maghmula dwar l-agir tas-Servizz tas-Sigurta'. Illi l-Artikolu 15 tal-Kap. 391 jitratta l-projbizjoni ta' intercettazzjonijiet u l-Artikolu 16 tal-Kap. 391 jirregola l-izvelar ta' messaggi minn impjegati f'certu oqsma.*

*Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-*

*Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta' demokratika. Illi ma hemmx dubbju li l-interferenza li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti hija koperta bl-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) u li tali intercettazzjoni kienet wahda necessarja stante li l-iskop warajha huwa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji bhal dak odjern li jinvolvi traffikar ta' droga. Illi minn ezami anke superficjali tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' jinzel bic-car li dina l-ligi hija wahda accessibbli stante li hija kodifikata (ara Liberty v. the United Kingdom; u Zakharov v. Russia), hija wkoll cara u prevedibbli fis-sens li huwa possibbli ghall-persuna (anke wara ti tottjeni pariri legali) li tkun taf meta jistghu isiru intercettazzjonijiet (fl-artikolu 3 tal-Kap. 391 jaghmilha cara li wahda mill-funzjonijiet principali tas-servizz tas-sigurta' huwa l-prevenzjoni u kxif ta' delitti gravi). Illi l-ghan wara l-intercettazzjonijiet li jahseb ghalihom il-Kap. 391 huwa s-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika u l-prevenzjoni u kxif ta' reati serji. Illi dawn l-ghanijiet huma ghanijiet li gew kunsidrati bhala gustifikati mill-Qorti Ewropeja (ara Klass and Others v. Germany). Illi ghal dak li jirrigwarda n-necessita' f'socjeta' demokratika l-esponenti jirrilevaw li dan l-element jinstab ukoll sodisfatt peress li l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' jahseb ghat-tip ta' reati meta jistghu isiru l-intercettazzjonijiet; it-terminu ta' validita' tal-mandat; il-kategoriji ta' persuni fuq min jista' jinhareg il-mandat; x'jigri middata li tingabar mill-intercettazzjoniet.*

*Illi l-fatt fih innifsu li l-mandat ta' intercettazzjoni ma jinharigx minn awtorita' gudizzjarja b'daqshekk ma jfissirx li l-mekkanizmu li jahseb ghalih il-Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv b'mod awtomatiku. Iln fatti l-Qorti Ewropeja ddecidiet li ma kienx hemm lezjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni naxxenti mill-fatt li l-awtorizzazzjoni ghall-intercettazzjonijiet isir minn membri tal-parlament.*

*Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta naxxenti mill-mod kif jinhargu l-mandati, l-esponenti jissottomettu li dawn iz-zewg artikoli jiggarantixxu process gius u smigh xieraq fil-kuntest ta' garanziji procedurali. Madankollu dawn l-artikoli ma jigarantixxu l-ebda dritt li persuna toggezzjona ghall-produzzjoni ta' prova partikolari izda jiggarantixxu l-jedd li persuna jkollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha fi proceduri li jingiebu kontra taghha jew li hija ggib kontra haddiehor; li tkun assistita fil-proceduri; li tithalla tipproduci l-provi in sostenn tat-tezi taghha; li tigi trattata b'mod ugwali; u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha.*

*Illi dawn l-arlikoli jigarantixxu biss il-prolezzjonijiet procedurali necessarji sabiex parti f' kawza ssemma' lehhinha u tinghata process gjust quddiem Qrati imparzjali u indipendenti.*

*Illi gialadarba li dak li qieghed jilmenta minnhu r-rikorrenti huwa effettivament l-mandat u indirettament l-ammissibilita' ta' prova u cioe' l-intercettazjonijiet migbura abbazi ta' tali mandat, l-esponenti jissottomcttu li dina l-kwistjoni tohrog il-barra mill-garanziji ta' smigh xieraq u dan stante li tirreferi ghas-sustanza tal-procedura kriminali u mhux limitata ghall-kwistjoni ta' process gjust.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda allegat ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorità nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jinghata ragun fl-ilmenti tieghu.*

*7. IIli in kwantu ir-rikorrenti qieghed jallega li l-Avviz Legali 198 tal-2008 jikser l-Artikoli 6, 8, 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan billi jistrieh fuq is-sentenza Digital Rights Ireland Ltd vs Minister for Communications, Marine and Natural Resources et tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li t-thassir tad-Direttiva numru 2006/24 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja ma gabitx maghha t-thassir awtomatiku ta' legislazzjoni domestika li implimentat tali Direttiva u lanqas il-fatt (kif allegat mir-rikorrenti) li kien hemm Stati Membri tal-Unjoni Ewropja li ddecidew li jhassru l-ligi domestika taghhom wara l-pronunzjament ta' dina d-decizjoni ma ggib maghha l-konsegwenza awtomatika li l-Istati Membri Ohra ghandhom ihassru l-ligi taghhom jew li tali ligi hija invalida b'mod awtomatiku;*

*Illi wiehed irid izomm f' mohhu li direttivi tal-Unjoni Ewropeja b'differenza ghal regolamenti mhumiex applikabbli direttament u dan abbazi tal-Artikolu 288 tat-Trattat tal-dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropeja li jipprovdi senjatament illi " A directive shall be binding, <u>as to the result to be achieved</u> upon each Member State to which it is addressed, but shall leave to the national authorities the choice of form and methods." (emfazi tal-esponenti). Illi gialadarba direttivi tal-Unjoni Ewropeja jehtiegu l-intervent nazzjonali sabiex jigu implimentati, liema direttivi, jaghtu wkoll dik il-flessibilita' lill-Istati Membri sabiex jaghmlu t-trasposizzjoni tad-direttiva fil-ligi nazzjonali jfisser li t-thassir ta' direttiva mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja*

*ma ggibx maghha l-konsegwenza ta' thassir tal-ligi nazzjonali li tkun ittrasponiet tali direttiva. Dan kollu jrid jigi nkwadrat fis-sens illi Stati Membri huma obbligati li jitrasponu direttivi tal-Unjoni Ewropeja sabiex jissodisfaw l-obbligi internazzjonali assunti minnhom, u jekk ma jaghmlux dan jesponu ruhhom ghall-proceduri istitwiti mill-Kummissjoni Ewropeja. Madankollu l-Istati Memri ma ghandhom l-ebda obbligu li jhassru l-ligi nazzjonali taghhom f' kaz li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja thassar direttiva u hija l-prerogattiva tal-Istat Membru jekk ihassarx l-ligi nazzjonali tieghu jew li jintoroduci xi emendi lill-ligi nazzjonali f' tali kazijiet. Illi kienet tkun differenti s-sitwazzjoni li kieku l-mizuri li thasret mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja kienet regolament u dan stante li tali thassir kien ikun vinkolanti fuq l-Istati Membri peress li l-istess regolamenti fin-natura taghhom huma direttament applikabbli.*

*Illi jekk jigi ezaminat dak li effettivament iddecidiet il-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja johrog bic-car li dik il-Qorti ma kkundannatx b'mod kategoriku r-ritenzjoni tad-data minn telefonija cellulari, izda dak li sabet kien biss sproporzjon ta' certu disposizzjonijiet tad-Direttiva. Illi notevolment il-Qorti irritentiet illi "the fight against international terrorism in order to maintain international peace and security constitutes an objective of general interest. The same is true of the fight against serious crime in order to ensure public security... It must therefore be held that* ***the retention of data for the purpose of allowing the competent national authorities to have possible access to those data, as required by Directive 200604, genuinely satisfies an objective of general interest."***[2] *Illi l-Qorti stabbiliet ukoll illi "As regards the question of whether the retention of data is appropriate for attaining the objective pursued by Directive 2006/24, it must be held that, having regard to the growing importance of means of electronic communication,* ***data which must be retained pursuant to that directive allow the national authorities which are competent for criminal prosecutions to have additional opportunities to shed light on serious crime and, in this respect, they are therefore a valuable tool for criminal investigations****. Consequently, the retention of such data may be considered to be appropriate for attaining the objective pursued by that directive."*[3] *(Emfazi tal-esponenti);*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa manifest li l-fattispecie tal-kawza odjerna jinkwadraw ruhhhom perfettament fix-xenajri li gew identifikati mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fis-sentenza taghha fejn ghamlitha cara li f'tali kazijiet, u cioe' f'kazijiet li jinvolvu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji, ir-ritenzjoni tad-data minn telefonija*

[2] Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawzi C-293/12 U c-594/12 Digital Raights Ireland, Paragrafi 42 sa 44.
[3] Ibid, para. 49

*cellulari hija permissibbli u dan sakemm id-data tirreferi ghall-perjodu taz-zmien partikolari marbut maz-zmien meta r-reat gie kommess u liema data tirrigwarda l-persuni li kienu involuti b'xi mod fil-perpetrazzjoni tar-reat li fin-natura tieghu jikkwalifika bhala reat serju. Illi f' dan ir-rigward il-Qorti Ewropea ghamlitha cara illi ir-ritenzjoni tad-data minn telefonija cellulari kienet tkun sproporzjonata biss li kieku kienet tikkoncerna persuni "for whom there is no evidence capable of suggesting that their conduct might have a link, even an indirect or remote one, with serious crime u li kieku l-obbligu tar-ritenzjoni "is not restricted to a retention in relation (i) to data pertaining to a particular time period and/or a particular geographical zone and/or to a circle of particular persons likely to be involved, in one way or another, in a serious crime, or (ii) to persons who could, for other reasons, comribute, by the retention of their data, to the prevention, detection or prosecution of serious offences";*[4]

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrent ma jistax jargumenta li l-Avviz Legali 198 tal-2008 jikser id-dritt ghall-protezzjoni tal-privatezza u l-hajja familjari kif protett u dan stante li r-ritenzjoni tad-data telefonika fic-cirkostanzi partoklari tal-kaz odjern hija tassew* <u>*gustifikata, necessaria u proporzjonata*</u> *mal-iskop li ghalih qieghdha tinzamm u cioe' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reat serju u cioe' traffikar ta' droga.*

*Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-ArtikoIu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall- privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta' demokratika. Illi kif intwera ampjament f'din ir-risposta, l-interferenza li minnha qieghed jillamenta r-rikorrenti hija koperta bl-Avviz Legali 198 tal-2008 u li r-ritenzjoni tad-data kienet wahda necessarja stante li l-iskop warajha huwa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji bhal dak odjern li jinvolvi traffikar ta' droga;*

*Illi in kwantu r-rikorrenti jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta naxxenti mill-uzu tad-data, l-esponenti jissottomettu li dawn iz-zewg artikoli jiggarantixxu process gjust u smigh xieraq fil-kuntest ta' garanziji procedurali. Madankollu dawn l-artikoli ma jigarantixxu l-ebda dritt li persuna toggezzjona ghall-produzzjoni ta' prova partikolari izda jiggarantixxu l-jedd li persuna jkollha l-opportunita' li tiddefendi lilha nfisha fi proceduri li jingiebu kontra taghha jew li hija ggib kontra haddiehor; li tkun assistita fil-proceduri; li tithalla*

[4] Ibid paragrafi 58-59.

*tipproduci l-provi in sostenn tat-tezi taghha; li tigi trattata b'mod ugwali; u li taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Aktar minn hekk, id-dritt ghal smigh xieraq ma jiggarantix li s-sentenzi moghtija minn Qrati jkunu korretti izda jigarantixxi biss il-protezzjonijiet procedurali necessarji sabiex parti f'kawza ssemma' lehhinha u tinghata process gjust quddiem Qrati imparzjali u indipendenti.*

*Illi gialadarba li dak li qieghed jilmenta minnhu r-rikorrenti huwa effettivament ammissibilita' ta' prova u cioe' l-uzu ta' data, l-esponenti jissottomettu li dina l-kwistjoni tohrog il-barra mill-garanziji ta' smigh xieraq u dan stante li tirreferi ghas-sustanza tal-procedura kriminali u mhux limitata ghall-kwistjoni ta' process gjust.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda allegat ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, l-esponenti jissottometti li dan l-artikolu ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorità nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Tassew hija ghandha s-sahha li taghti kumpens morali lir-rikorrenti jekk huwa jinghata ragun fl-ilmenti tieghu.*

*Fi kliem iehor, l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorità nazzjonali, dan irrispettivament jekk bil-mezz ta' talba quddiem il-Qrati ordinarji jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali. Hekk perezempju ilment taht l-artikolu 13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropea Ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Nazzareno Zarb vs. Malta deciza fl-4 ta' Lulju 2006, ghaliex ghan-nuqqas fil-ligi ordinarja li tipprovdi ghal rimedju fil-kaz ta' dewmien ingustifikat fil-proceduri, kien jaghmel tajjeb ir-rimedju taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta quddiem il-qrati b'setghat kostituzzjonali.*

*Propriju dawn il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-potenzjal li jaghtu dak li qieghed ifittex r-rikorrenti u cioe' rimedju. Illi bl-intavolar ta' dawn il-proceduri konvenzjonali r-rikorrenti stess qieghed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kienx ser joqghod jehlu l-hin u l-flus tieghu biex jiftah dawn il-proceduri.*

*Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qieghed jilmenta minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dan huwa manifestamnet infondat jekk mhux ukoll fieragh ghaliex dawn il-proceduri u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita' nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk*

*kemm-il darba jirnexxielu juri li tassew gew imkasbra lilu xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali tieghu kif imhares taht il-Konvenzjoni Ewropea.*

*8. Illi jsegwi li dina l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*10. Bl-ispejjez."*

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li sofra ksur d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u bil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedemu Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") għal numru ta' raġunijiet. Fil-fehma tiegħu l-interċettazzjonijiet telefoniċi fil-każ odjern saru ai termini ta' mandat maħruġ mill-Eżekuttiv u mhux minn awtorita' ġudizzjarja bil-konsegwenza li ma

hemmx skrutinju ġudizzjarju li jagħti serħan il-moħħ li tali prova nġabret b'mod trasparenti. Isostni wkoll li ż-żamma ta' data mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjoni u kull aċċess lill-awtoritajiet ta' tali data u użu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' oħra hija llegali u leżiva. Huwa qiegħed għalhekk jitlob rimedji effettivi li jagħmlu tajjeb għal tali leżjonijiet.

Minn naħa tagħhom l-intimati, apparti li ressqu xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, rrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta li f'Mejju 2005 fuq ordni tad-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u Intern ta' dak iż-żmien ħarġu mandati permezz ta' liema ġew awtorizzati nterċettazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrent Joseph Lebrun[5]. Dan wara li l-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienet irċeviet informazzjoni li r-rikorrenti u persuni oħra kienu nvoluti f'attivita' lleċita ta' mportazzjoni ta' kwantita' kbira ta' droga bil-għan li tiġi traffikata f'Malta. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni, li kienet tinvolvi mhux biss il-Korp tal-Pulizija imma wkoll is-Servizzi tas-Sigurta', ġew interċettati numru ta' telefonati b'rabta ma' din l-attivita' lleċita.

[5] Fol 545

B'riżultat ta' dawn l-interċettazzjonijiet, l-investigaturi rnexxielhom jidentifikaw il-persuni nvoluti kif ukoll interċettaw id-droga eroina mpurtata. Ġew arrestati xi persuni fosthom ir-rikorrent u fis-6 ta' Settembru 2005 Lebrun tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja akkużati b'diversi reati fosthom assoċjazzjoni għall-importazzjoni, bejgħ jew traffikar ta' eroina, bl-importazzjoni ta' din id-droga f'Malta. F'dawn il-proċeduri ġew preżentati traskrizzjonijiet tal-interċettazzjonijiet telefoniċi, liema traskrizjonijiet kienu saru mill-pulizija.

Madankollu fit-23 ta' Novembru 2005 il-Qorti Istruttorja ddeċidiet li ma kienx hemm biżżejjed biex ir-rikorrent odjern Lebrun jitqiegħed taħt att t'akkuża u għalhekk huwa ġie liberat. L-atti ntbagħtu lill-Avukat Ġenerali.

Sussegwentement, ir-rikorrent reġa' ġie arrestat u fit-8 ta' Diċembru 2005 reġa' tressaq mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Wara proċeduri kostituzzjonali istitwiti mill-istess Joseph Lebrun li ġew deċiżi a favur tiegħu, sar tibdil fil-liġi u setgħu jitkomplew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

Inħareġ l-Att tal-Akkuża bin-numru 9/14 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun*.

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. **Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati jingħad li l-Kummissarju tal-Pulizija, l-Ministru tal-Intern u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurta'. Dan stante li fil-fehma tagħhom l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq il-kostituzzjonalita' o meno ta' liġi u għalhekk dawn it-tlett intimati m'għandhomx jitqiesu bħala leġittimi kontradittturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi għall-każ **Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Kost 85/14) deċiż fit-28 ta' Settembru 2017** fejn ingħad hekk:

*"Fil-każ fl-ismijiet* ***Joseph Abela v. Onor.Prim`Ministru et*** *(Kost. 7 ta` Diċembru 1990) ġie ribadit li :*

*"F`kawżi ta` natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel*
*kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

*Iżda kif anke gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ* ***Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et.*** *(29 ta` Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra. "*

*Proprju f`każijiet li jikkonċernaw l-istess materja bħal dik in disamina, ad eżempju fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et** (22 ta` Frar 2013) iċċitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) ... biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Ċiv. **Joseph Borg v. Francis Vassallo** [2000] Vol.LXXXIV.II.42;App. **C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico** 15.01.1992)" .*

B'applikazzjoni għall-każ odjern, il-Qorti tqis li huwa minnu li r-rikorrent qiegħed jattakka dispożizzjonijiet tal-liġi, pero' dawn l-ilmenti qegħdin isiru f'kuntest. Il-Mandati ta' interċettazzjonijiet telefoniċi huwa responsabbli li jiffirmahom il-Ministru responsabbli mill-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ai termini tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) fuq talba tal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta'. Il-Kummissarju tal-Pulizija, tramite l-uffiċjali tiegħu, kien dak li fil-kors tal-investigazzjonijiet ressaq ir-rikjesta mal-Kap tas-Servizz tas-Sigurta' u dak li għamel it-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjonijiet kif ukoll mexxa l-prosekuzzjoni fil-proċeduri li fihom anke ġew esebiti l-interċettazzjonijiet telefoniċi li minnhom skattat il-kawża odjerna.

Għalhekk dawn l-intimati kellhom involviment dirett fil-mertu li jifforma parti mill-lanjanzi tal-każ odjern. Kwindi għall-intergrita' tal-ġudizzju, anke huma għandhom jibqgħu parti mill-proċeduri sabiex iwieġbu għat-talbiet tar-rikorrent.

**L-ewwel eċċezzjoni hija miċħuda.**

2. **Fit-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimati huma jargumentaw li l-artikolu 32 tal-Kostitizzjoni ma jistax jiġi nvokat mir-rikorrent, in kwantu huwa biss introduzzjoni għall-lista ta' drittijiet fundamentali.

Dan l-artikolu, u speċifikatament il-paragrafu (ċċ) ċitat mir-rikorrent jipprovdi hekk -

*"Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri-*

*(……)*

*(ċċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu, id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku."*

Din l-eċċezzjoni tal-intimati hija ġustifikata.

Hija l-Kostituzzjoni stess li tgħid dan stante li fl-artikolu 46 (1), li jipprovdi dwar it-twettiq tad-dispozizzjonijiet protettivi tad-drittijiet tal-bniedem, l-Artikolu 32 huwa eskluż u huma msemmija biss l-Artikoli 33 sa 45.

L-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:

> "*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li* ***xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin)*** *ta' din il- Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*"

Għalhekk jidher ċar li persuni li jħossu li nkisrilhom jew se jinkisrilhom xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tagħhom jistgħu jiftħu kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti hekk kif provdut mill-Artikolu 46(1) u din il-kawża jistgħu jibbażawha fuq wieħed jew aktar mill-Artikoli 33 sa 45 (33 u 45 inklużi) tal-Kostituzzjoni u fuq l-ebda artikolu ieħor.

Għalhekk it-talba tar-rikorrent għal dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu a bażi ta' dan l-Artikolu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Din l-eċċezzjoni ser tiġi milqugħa u għall-istess raġunijiet, it-talbiet tar-rikorrent marbuta mal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ser jiġu miċħuda.**

3. **Fit-tielet eċċezzjoni** l-intimati jargumentaw li lanqas l-artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ma huwa applikabbli għall-każ odjern stante li dan l-artikolu ma jagħti ebda dritt t'azzjoni iżda jiddelinea l-prinċipju ġenerali tal-poter leġislattiv li huwa vestit fil-Parlament.

Dan l-artikolu jipprovdi dwar is-setgħa tal-Parlament Malti li jagħmel il-liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-UnjoniEwropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003.

Il-Qorti tinnota li għalkemm saret referenza għal dan l-artikolu fil-premessi tar-rikors promotur, ma hemm referenza għalih fit-talbiet u għaldaqstant ma hemm ebda lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwaru.

**Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

4. **Fir-raba' eċċezzjoni** l-intimati jargumentaw li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante li huwa kellu rimedji ordinarji a dispożizzjoni tiegħu fejn seta' jivventila l-ilmenti tiegħu quddiem il-Qrati

ta' ġudikatura kriminali. Huma talbu lill-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**L-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[6] -

> "*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[7]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[8]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha."*[9]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[10]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk

---

[6] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

[7] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994

[8] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.

[9] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002

[10] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[11]:

> "*….d-dispożizzjonijiet tal-*proviso *tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza, l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata.

Kif jirriżulta mill-kawżali tal-azzjoni odjerna, r-rikorrent qed jilmenta kemm mill-liġijiet li jirregolaw l-interċettazzjonijiet u r-ritenzjoni tad-data kif ukoll mill-aġir tal-intimati fl-applikazzjoni tagħhom in kwantu jsostni li qegħdin jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tiegħu.

Ebda Qorti jew forum ta' kompetenza ordinarja m'għandu l-kompetenza li jwettaq tali ndaġni jekk mhux il-Qrati Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħhom.

Kwindi l-argumenti tal-intimati marbuta mad-disponibilita' ta' rimedju ordinarju ma jreġux fiċ-ċirkustanzi.

[11] Rik 40/10

**Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi miċħuda.**

5. **Fil-ħames eċċezzjoni** l-intimati jeċċepixxu li għal dak li jirrigwarda lanjanzi dwar dritt għal smiegħ xieraq ai termini tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni irid jitqies il-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu u mhux isir fokus fuq parti waħda biss minnu. Fil-fehma tagħhom għalhekk, ladarba l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom mhumhiex konklużi allura l-kawża odjerna għandha toġi dikjarata ntempestiva minn din il-Qorti.

Dan il-punt ġie trattat u deċiż diversi drabi. Fil-każ **Ramon Fenech vs Avukat tal-Istat deċiż fit-28 t'Ottubru 2022** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk -

*"21. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq l-argument illi allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq teħtieġ li l-proċess, li minnu jkun qed isir l-ilment, jiġi eżaminat fit totalità tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfażi fuq inċident wieħed partikolari;*

*22. Huwa minnu li r-regola ġenerali f'dan il-qasam hija li biex qorti tista' tgħid b'konvinzjoni jekk hemmx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, kif imħares taħt l artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, hemm bżonn li dik il-qorti tqis il-proċess kollu kemm hu (ara fost ħafna oħrajn David sive David Norbert Schembri v. Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Marzu, 2011, Il-Pulizija v. Dr Melvyn Mifsud deċiża mill Qorti Kostituzzjonal fis-26 ta' April, 2013 u The Police v. Austine Uche et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018). Kemm*

*jista' jkun qorti m'għandhiex tixħet ħarsitha fuq biċċa waħda biss tal-kawża biex minnha, jekk issib xi nuqqas jew għelt, tasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas smigħ xieraq (ara Adrian Busietta v. Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006);*

*23. Minbarra dan, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh ukoll il-fatt, li mhuwiex xogħol ta' qorti b'kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi qorti oħra għandha tiżen l-evidenza li nġiebet quddiemha u dan taħt l-iskuża li b'hekk ikun qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq, kif iridu l-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew il-Konvenzjoni Ewropea (ara s sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta' Ottubru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet Victor Micallef v. Avukat Ġenerali et);*

*24. Li kieku dan ma jkunx hekk, tinħoloq qagħda mwiegħra u anomala li, imqar fuq biża' jew ħsieb ħażin, l-ebda kawża ma tkun tista' tinbeda jekk qabel ma jkunx tressaq ilment kostituzzjonali biex jiġi mistħarreġ jekk tali biża' jew ħsieb ħażin kienx mistħoqq. Biex tagħmel hekk, il-qorti b'setgħat kostituzzjonali jkollha tabilfors tagħti ġudizzju minn qabel fuq il-ħidma ta' qorti oħra qabel ma dik tkun imqar bdiet twettaq xogħolha u dan bir-riskju wkoll li jiġi mxellef il-jedd tal preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuna akkużata għaliex qorti kostituzzjonali tkun interpretat il-valur ta' prova qabel mal-qrati kriminali ma jkunu taw id-deċiżjoni tagħhom. Din is-sitwazzjoni tista' twassal ukoll biex, fuq xilja li proċeduri huma mtappna bil-preġudizzju tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, qorti kriminali kompetenti effettivament tinżamm milli twettaq xogħolha u b'hekk jiġu staġnati dawk il proċeduri kriminali u l-kawża ma tkunx tista' tinqata' aktar fi żmien raġonevoli kif trid il-liġi;*

*25. Dan l-istess prinċipju ġie mħaddan ukoll f'żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea, Martin Dimech v. Malta tat-2 ta' April, 2015 u Tyrone Fenech et v. Malta tal-5 ta' Jannar, 2016, dwar ilmenti li kienu jolqtu l-ammissibilità ta' prova mressqa f'kawża kriminali li għadha pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea,*

*«applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility*

*of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies»;*

*26. Tassew darba li l-proċess kriminali jkun għadu ma ġiex mitmum, ikun għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi persuna tista' tiġi żvantaġġjata. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-ġurati fl-aħħar mill-aħħar ma jsibux ħati lill-akkużat u għalhekk ħafna mill-ħsibijiet ħżiena tiegħu jisfaw fix-xejn;*

*27. Madankollu din ir-regola ġenerali li xilja ta' ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għandha tiġi mistħarrġa wara li jintemm il-proċess kollu, mhijiex xi regola assoluta li ma tbatix minn eċċezzjonijiet;*

*28. Biex wieħed jagħti ftit eżempji, jekk wieħed ikun qiegħed jilmenta li t-tħaddim ta' xi liġi kriminali tkun ħa tikser id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta, allura jkun ta' xejn li wieħed joqgħod jistenna li tintemm il-kawża kriminali, imma jkun jaqbel aħjar li dak l-ilment dwar l-inkompatibilità ta' liġi ordinarja mal Kostituzzjoni ta' Malta jiġi indirizzat minnufih (ara Osama Ebeid v. Avukat tal Istat deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju, 2022);*

*(……)*

*31. B'żieda ma' dawn iċ-ċirkostanzi jista' jagħti l-każ ukoll li episodju wieħed iżolat ikun tant determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu, li ma jkunx għaqli li wieħed joqgħod jistenna li jintemm il-każ ordinarju, imma jkun ħafna aħjar li dak l-ilment kostituzzjonali jiġi indirizzat mill-ewwel (ara Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar, 2013, Carmel Saliba v. L-Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Mejju, 2016 u Alfred Żaffarese v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar, 2017);"*

Fl-isfond tal-prinċipji suesposti, l-Qorti tqis li l-mertu mqajjem fil-kawża odjerna għandu jiġi tratta u deċiż f'dan l-istadju anke minħabba l-impatt li jista' jkollu fuq il-bqija tal-proċeduri kriminali pendenti kontrih.

**Il-ħames eċċezzjoni tal-intimati ser tiġi miċħuda.**

**<u>Mertu</u>**

Il-bqija **tal-ewwel talba tar-rikorrent** hija sabiex il-Qorti tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi fil-fehma tiegħu l-interċettazzjonijiet fil-każ odjern saru ai termini ta' mandat maħruġ mill-Eżekuttiv u mhux minn awtorita' ġudizzjarja u għalhekk mhemmx skrutinju ġudizzjarju u serħan tal-moħħ fl-esponent illi tali prova nġabret b'mod trasparenti.

Ir-rikorrent jargumenta li l-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ili l-mandati għall-interċettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet għandhom jinħarġu biss bil-miktub mill-Ministru Responsabbli mis-Servizz jew f'każ ta' urġenza jista' jinħareġ bil-miktub mis-Segretarju Permanenti jew mis-Segretarju tal-Kabinett jekk awtorizzat mill-Ministru. Dan kollu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u saħansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas u jeskludu sktrutinju mill-Qorti anke meta tali interċettazzjonijiet jintuzaw fi proceduri penali. Ghalkemm il-Pulizija għandu jkollha l-għodda neċessarja sabiex tipprevjeni reati kriminali, l-leġislatur bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att għażċl illi

jagħti parti mill-għodda meħtieġa lill-istituzzjonijiet lil hinn minn kull skrutinju indipendenti ġudizzjarju.

Inoltre, l-Artikolu 18 (5) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' wkoll huwa leżiv skont ir-rikorrent peress illi jipprojbixxi l-Qrati milli jintervjenu fl-eżerċizzji tal-poteri mogħtija fl-istess att. B'hekk, il-Qrati mgħandhomx u ma jistgħux skont l-istess Att jissindikaw il-poteri tal-Att innifsu bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Minn naħa tagħhom l-intimati jilqgħu għal din it-talba billi fost oħrajn isostnu li fil-prinċipju l-Konvenzjoni Ewropea ma tipprojbixxix l-interċettazzjonijiet telefoniċi bħala miżura speċjali ta' nvestigazzjoni fil-ġlieda kontra reati serji. Inoltre, l-qafas tal-liġi nostrali jipprovdi salvagwardji u parametri ċari li fihom jistgħu isiru tali nterċettazzjonijiet. Inoltre, u fi kwalunkwe każ, kwalunkwe nterferenza fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrent saret skont il-liġi u hija neċessarja f'soċjeta' demokratika. Ukoll, il-Konvenzjoni ma tesiġix xi proċedura partikolari għall-għoti tar-rimedju f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

Fil-każ **George Degiorgio vs Avukat Ġenerali et deċiża fid-19 ta' Ottubru 2021** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk -

*"16. Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-materja dwar interċettazzjonijiet telefoniċi mis-Servizz tas-Sigurta' u l-użu tagħhom fi proċeduri penali, hija waħda taħraq u diskussa ħafna fil-kamp tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huwa rikonoxxut li l-liġijiet li jissanzjonaw dawn ix-xorta ta' investigazzjonijiet iridu jkunu fihom infushom karratteristikament nieqsa mit-trasparenza, altrimenti ma jkunx hemm skop għalihom. L-investigazzjonijiet li jagħmel is-Servizz tas-Sigurta' ta' kull pajjiż ma jkun sigrieta xejn jekk isiru bil-mod ordinarju bħal fil-każ ta' rejati ordinarji oħrajn. L-oġġettivi tal-liġi li tirregola din il-materja huma dawk elenkati f'artikolu 3(2) u (3) tal-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta.*

*17. Dan huwa element li jista' jikkontrasta mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u s-saltna tad-Dritt f'Soċjeta' demokratika. Għalhekk huwa rikonoxxut, li għandu jintlaħaq bilanċ, bejn il-ħarsien tal-kollettivita' u d-drittijiet fundamentali tal-individwu, b'mod li ebda wieħed minn dawn id-drittijiet ma jiġi sagrifikat fuq l-altar ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn id-drittijiet. Fil-fatt l-awturi dwar il-materja jgħallmu hekk:*

*"This is an area where a balance has to be found between the State interest and individual privacy. It is concerned with right to informational autonomy, the right to control what information is available about oneself. It is also concerned the need of the State to protect itself and its citizens and by definition democracy. In this field the ECHR has been most influential and the ECHR in its jurisprudence has given extensive guidance on the balance between individual privacy and State interests." (ara O.Hood Philips and Jackson; Constitutional ans Administartive Law; 8th ED; para 26-013).*

*18. Fil-fatt l-ECHR tirrikonoxxi dan id-dritt tal-Istat meta qalet li "Democratic societies nowadays find themselves threatened by highly sophisticated forms of espionage and by terrorism, with the result that the State must be able, in order effectively to counter such threats, to undertake the secret surveillance of subversive elements operating within its jurisdiction. The Court has therefore to accept that the existence of some legislation granting powers of secret surveillance over the mail, post and telecommunications is, under exceptional conditions, necessary in a democratic society in the interests of national security and/or for the prevention of disorder or crime." ( Ara Klass and Others v. Germany, § 48).*

*19. Għalhekk sakemm tkun qed tiġi osservata liġi ċara u li tipprovdi għal dan il-bilanċ, ma hemmx xkiel assolut li jżomm lill-Istat milli jiġbor informazzjoni b'mezzi u metodi li ma humiex daqstant ortodossi.*

*20. Irridu dejjem niftakru li fil-waqt li fid-dinja tal-kriminal ma jesistu ebda regoli fil-mod kif għandu jġib ruħu fil-kommissjoni ta' rejati, mhux hekk filkaż tal-Istat fil-ġlieda kontra l-kriminalita'. L-Istat huwa ċċirkondat b'foresta fitta ta' liġijiet ta' kif għandu jikkumbatti l-kriminalita'. L-Istat ma jistax jaqbeż il linja ta' legalita'għaliex kif appena jagħmel hekk ikollu jwieġeb u jagħti rendikont għal għemilu lil dawn il-Qrati. Għalhekk huwa ġustifkabbli, li liġijiet bħal Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta huma maħsuba mhux biex jeliminaw, iżda li jnaqqsu mill-iżvantaġġ li għandu l-Istat fil-każijiet ta' prevenzjoni u/jew skoperta ta' rejati partikolari.*

*21. Skont it-tagħlim tal-ECHR "When balancing the respondent State's interest in protecting its national security through secret surveillance measures against the seriousness of the interference with an applicant's right to respect for his or her private life, the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in choosing the means for achieving the legitimate aim of protecting national security. However, there must be adequate and effective safeguards against abuse. The Court thus takes into account the circumstances of the case, such as the nature, scope and duration of the possible measures, the grounds required for ordering them, the authorities competent to authorise, carry out and supervise them, and the kind of remedy provided by the national law (Roman Zakharov v. Russia [GC], § 232; İrfan Güzel v. Turkey, § 85)."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti sejra tevalwa l-ilmenti tar-rikorrent ai termini tal-varji artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni in kwanti fil-fehma tiegħu l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' (Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta) jivvjola l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**(a) <u>Allegat ksur tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tal- L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni</u>**

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta lpubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja".*

Kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

*"...the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*(a) the right of access to the courts*
*(b) the right to be present to an adversarial hearing*
*(c) the right to equality of arms*
*(d) the right to a fair presentation of the evidence*
*(e) the right to cross-examine and*
*(f) the right to reasoned judgement[12]".*

[12] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Lanjanza identika għal dik odjerna tressqet fil-każ **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-1 ta' Ġunju 2023** –

*"31. Kif rilevat aktar 'l fuq, l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt illi l interċettazzjonijet mertu ta' dawn il-proċeduri huma frott ta' mandat li jinħareġ mill-Esekuttiv u mhux minn awtorita' Ġudizzjarja. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jilmenta li Malta u l-Ingilterra biss għandhom din is-sistema. F'diversi passaġġi tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jilmenta li minħabba f'hekk, il-Kap 391 tal-liġijiet ta' Malta ma joffrix dik it-trasparenza li huwa tant meħtieġ sabiex din il-liġi tkun konformi mal-prinċipju tas-saltna tad-dritt.*

*32. Il-Qorti tibda biex tirrileva, li l-karatteristika ta' liġi bħal din hija propju s- segretezza tal-mod kif tiġi riċevuta u użata l-informazzjoni miksuba. Mingħajr din il-karatteristika liġijiet bħal dawn qatt ma jistgħu jagħtu frott fil-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata.*

*33. In suċċint l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward jista' jingħad li huwa dan. Li mandat sabiex isiru interċettazzjonijiet telefoniċi ma għandu qatt joħroġ minn taħt idejn il-Ministru. Dan għandu jsir minn Awtorita' ġudizzjarja u għalhekk il- liġi tagħna ma tipprovdi għall-ebda skrutinju u serħan tal-moħħ lir-rikorrent. Jgħid ukoll li artikolu 18(5) tal-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ukoll lesiv stante li jipprojbixxi l-Qrati milli jintervjenu fl-eżerċizzju tal-poteri mogħtija fl istess Att.*

*34. Dan l-artikolu jiddisponi hekk: "18.(1) Fi proċedimenti li jsiru quddiem xi qorti jew tribunal,ma għandha tinġieb ebda prova u ma għandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-eżami li (f'kull każ) ittendi li tissuġġerixxi*

*(a) li jkun sar jew ikun ser isir reat taħt l-artikoli 15 jew 16 minn xi persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (2); jew (b) li jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat lil xi ħadd minn dawk il-persuni: Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tingħata xiehda, ta' informazzjoni li tkun tista' tinkixef skont dan l-Att jew taħt kull disposizzjoni oħra tiegħu." (Emfażi tal-Qorti).*

*35. Il-Qorti tirrileva li l-preklużjoni imsemmija tirreferi biss għal waqt proċeduri quddiem Qorti. Dan ifisser li li l-Qrati dejjem jistgħu ikunu aditi biex jintervjenu f'dawk l-istanzi fejn proċeduri quddiemhom ikunu għadhom ma bdewx. Di fatti minkejja dan l-artikolu fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2002 quddiem il-Qorti tal Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja kien hemm*

*episodju mqanqal propju dwar dan l-artikolu, fejn il-Qorti xorta ordnat li jiġi esebit il-mandat li permezz tiegħu saru l-interċezzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri (a' fol 118). Dan id-digriet mhux biss ġie konfermat talli f'Sentenzi sussegwenti ta' dawn il-Qrati din il-linja ta' ħsieb ġiet abbraċjata propju fuq il-prinċipju li huma l-Qrati li jridu jaraw li kollox sar kif imissu u skond il-liġi (Ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Frar, 2012 fl-ismijiet Avukat Ġenerali -vs- Kap tas-Servizz tas-Sigurta` et).*

*36. Dan ifisser li r-regola fl-artikolu in kwistjoni ma hiex waħda sagrosanta jew li ma tistax tingħata interpretazzjoni minn dawn il-Qrati. Għalhekk kull min ikun f'posizzjoni li jemmen li saru interċezzjonijiet b'abbuż dejjem ser isib il-bieb ta' dawn il-Qrati miftuħ. Dan l-iżvillupp jammortizza mhux ftit il-fatt, li liġi tassew hija mankanti peress li ma tipprovdix għal sistema ta' xi tip ta' organu, mhux neċessarjament il-Qrati, li jkun indipendenti mill-Esekuttiv biex jassigura li s sistema ma tiġix abbużata.*

*37. Fil-Każ li għandha quddiemha din il-Qorti wara li fliet l-atti, għalkemm il liġi tassew ma tipprovdix is-salvagwardji meħtieġa, xorta rrisultalha li ma sar xejn b'abbuż. Iżda dan jiddependi minn nies li jkunu qegħdin jadoperaw il-liġi u mhux minħabba t-tifsila tal-liġi fiha innifisha. Is-Saltna tad-dritt tfisser saltna tad dritt u mhux tal-Bnedmin. Il-Qorti tfakkar li l-Kap tas-Sigurta' jiġi maħtur mill Prim Ministru (art 4) u li l-Kap jaħtar il-membri tas-Servizz (art 5). Skond il Kostituzzjoni il-Prim Ministru prattikament jaħtar ukoll lill-Ministru li minn taħt idejh joħroġ il-mandat (art 80 tal-Kostituzzjoni). Fil-fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni hija waħda "istituzzjonalment inċestwali" u jkun jixraq li l-Leġislatur jerġa' jżur din il-liġi li ġiet promulgata tletin sena ilu biex jaġġornaha maż-żminijiet tal-lum.*

*38. Għalhekk wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-Każ tqies li l-Kap 391 tal-Liġijiet x'aktarx ser jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa minn artikolu 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni rispettivament. Minn naħa l-oħra din il-Qorti mhux ser tkun qed tordna l-isfilz tal-interċezzjonijiet inkwistjoni peress li l-Qorti kompetenti biex tagħmel dan hija l-Qorti Kriminali skont ir-regoli tal-ammissabilita' ta' provi fil-kamp penali anke fid-dawl li l-Qrati tagħna ma jħaddnux il-prinċipju tal-forbidden fruit.*

*39. Lanqas ma hi ser tagħti kumpens, salv li qed tidderiġi lill-Qorti Kriminali taċċerta li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent jiġu mħarsa tul il-proċess kriminali fid-dawl ta' din is-Sentenza jekk huwa l-każ (ara Sentenza tad-29 ta' Ot tubru, 2003 Appell Ċivili, Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D fejn ingħata rimedju simili)."*

Il-Qorti tabbraċċja dan l-insenjament u tagħmlu tagħha. Il-ko-dipendenza u r-rabta ta' kull ħatra mall-eżekuttiv hija kif verament qalet il-Qorti fil-ġiudizzju appena ċitat ta' togħma incestwali. Pero, jingħad ukoll, li għall-fini tal-każ odjern li hawn ma rriżultax li sar xi abbuż mill-intimati b'rabta ma' dawn l-interċettazzjonijiet. Dan il-fatt ser ikun qed jittieħed in konsiderazzjoni fl-għoti tar-rimedju.

**Għalhekk issib li r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fl-ambitu ta' dak appena diskuss.**

***(b) <u>Allegat ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni</u>***

Dan l-artikolu jipprovdi hekk -

> *"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

Ir-rikorrent jallega li l-interċettazzjonijiet li saru mi-Servizzi tas-Sigurta' huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tiegħi għax jinvadulu l-privatezza tiegħu.

Naturalment sabiex l-aġir tal-Istat ikun kompatibbli mal-Konvenzjonin ikun jeħtieġ li l-interċettazzjonijiet ikunu saru skont il-liġi u jkunu meħtieġa għar-raġunijiet elenkati fil-paragrafu 2 tal-artikolu.

F'kuntest simili għal dak odjern, din il-Qorti diversament preseduta kompliet tgħid hekk fil-każ suċċitat **Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali et** –

*"Artikolu 8 tal-Konvenzjoni*

*19. Bħala prinċipju l-ECHR irrikonoxxiet id-dritt tal-Istat li jipprattika interċezzjonijiet tax-xorta li għandha quddiemha meta qalet li "Democratic soci eties nowadays find themselves threatened by highly sophisticated forms of es pionage and by terrorism, with the result that the State must be able, in order effectively to counter such threats, to undertake the secret surveillance of sub versive elements operating within its jurisdiction. The Court has therefore to accept that the existence of some legislation granting powers of secret surveil lance over the mail, post and telecommunications is, under exceptional condi tions, necessary in a democratic society in the interests of national security and/or for the prevention of disorder or crime." (Ara Klass and Others v. Ger many, § 48).*

*(.....)*

*22. Il-Qorti diġa kellha okkażjoni tosserva fi pronunzjamenti tagħha li artikolu 8(2) jipprejambola bin-negazzjoni lill-Istat li jimpedixxi liċ-ċittadin milli jeżerċita dan id-dritt. L-indħil mill-Istat huwa eċċezzjonalment konċess (a) ħlief jekk ikun wieħed li sar skont il-liġi u (b) għall-kategoriji tal-interessi espressament imsemmija minn dan is-subartikolu. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Ir-regola ġenerali hi li ma jistax ikun hemm indħil. L-indħil huwa eċċezzjoni. Nieqsa waħda minn dawn l-elementi, l-Istat ikun qed jikser in stantanjament id-dritt fundamentali tal-individwu kif imħares minn artikolu 8 tal artikolu tal-Konvenzjoni.*

*23. Il-kategoriji li jsemmi dan l-artikolu huma l-ħajja privata tiegħu u tal familja, tad-dar u tal-korrispondenza. Jidher li dak li għandha quddiemha jaqa' fir-raba' kategorija ta' korrispondenza għaliex din ma għandhiex tkun ristretta għal waħda konvenzjonali għaliex altrimenti l-ECHR ma kienitx tagħti daqstant sentenzi f'dan ir-rigward (Ara Saber -vs-Norway). Tista' aċċidentalment tkun ukoll tal-familja kieku t-telefonati li ġew interċettatti kienu jirrigwardaw kontenut familjari u dejjem sakemm dan il-kontenut ma jkunx xorta waħda qiegħed jik kontempla il-kommissjoni ta' rejat. Ħaġa tistaqsi lil martek dwar problemi tal familja u ħaġa oħra tippjana magħha kif ser iddaħħal id-droga fil-ħabs. Għal din il-Qorti, l-aħħar xorta ta' telefonati ma jgawdux mill-ħarsien tal-artikolu 8 u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.*

*24. Di fatti anke l-istess premessi tar-rikors, fattwalment jgħid li r-rikorrent minn ġewwa l-ħabs kien qiegħed jippjana ma' oħrajn barra l-ħabs biex jimporta f'Malta fost oħrajn kwantita' kbira ta' droga erojina, li mingħajr ebda dubbju kienet destinata li tispiċċa fit-toroq Maltin biex finalment tispiċċa tittieħed, ħafna drabi minn żgħażagħ. Il-Qorti lanqas tista' ma tqies dan l-aspett devastanti li dan għandu fuq is-soċjeta' Maltija, konsiderazzjoni li għandha tittieħed kwantu jirrigwarda l-bilanċ bejn id-dritt fundamentali tal-individwu u dak tas-Soċjeta' u kollettivita' in ġenerali.*

*25. F'dan il-kuntest ġie osservat li "This is an area where a balance has to be found between the State interest and individual privacy. It is concerned with right to informational autonomy, the right to control what information is available about oneself. It is also concerned the need of the State to protect itself and its citizens and by definition democracy. In this field the ECHR has been most influential and the ECHR in its jurisprudence and has given extensive guidance on the balance between individual privacy and State interests." (ara O. Hood Philips and Jackson; Constitutional and Administrative Law; 8th ED; para 26-013). Huwa ukoll interessanti dak li jinnotaw l-awturi fir-rigward ta' kuntatti li priġunier ikollu mad-dinja ta' barra. Dawn josservaw hekk: "In a series of Italian Mafia Cases, were there were significant restrictions on contact with the family, the Court found that given the specific nature of organized crime and the fact that the family visits frequently served as a means to convey orders and instruc tions to the outside world, the restrictions could not be said to be disproportion ate" (Ara Salvatore [Manuele] -vs- Italy u Bastone -vs- Italy. Ara bhala refer enza Harris, O'Boyle and Warbrick, Law on the European Convention of Human Rights, 4th ed, pg 565).*

*26. Mela kemm multo magis japplika dan il-prinċipju, fil-każ bħal dak li għandha quddiemha din il-Qorti, fejn il-kriminalita' tkun qed tiġi kommessa*

*minn individwu li huwa priġunier li jkun qiegħed jissinkronizza xibka ta' kriminalita' fuq barra l-ħabs. L-ECHR kellha opportunita tinnota li "...the importance of an au thority empowered to authorise the use of secret surveillance being capable of verifying "the existence of a reasonable suspicion against the person con cerned, in particular, whether there are factual indications for suspecting that person of planning, committing or having committed criminal acts or other acts that may give rise to secret surveillance measures " (Ara Roman Zakharov v. Russia [GC], § 260; Dragojević v. Croatia, § 94).*

*27. It-tieni element huwa dak li l-interċezzjoni trid tkun skont il-liġi. Dan ma jfissirx, illi l-liġi fiha nnifisha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, għalkemm dan l-aspett jista' jwassal għal dikjarazzjoni ta' antikosti tuzzjonalita'. Fil-fatt dan li qiegħed jintalab fl-ilment l-ieħor tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni.*

*28. Bil-frażi skont il-liġi ai fini tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni din il-Qorti tifhem, li din il-liġi tkun aċċessibli u li tista' tkun magħrufa mill-indivdwu. Altru l-każ ta' regolament intern f'ħabs u altru Liġi mgħoddija mill-Parlament u fid-dominju pubbliku. Per eżempju dan kien il-każ fis-Sentenza Doerga -vs- L-Olanda tas 27 ta' April 2004 fejn intqal hekk:*

*"However, the phrase "in accordance with the law" implies conditions which go beyond the existence of a legal basis in domestic law and requires that the legal basis be "accessible" and "foreseeable".*

*A rule is "foreseeable" if it is formulated with sufficient precision to enable the person concerned – if need be with appropriate advice – to regulate his conduct. In the cases of Kruslin v. France and Huvig v. France".*

*29. Il-Qorti ma għandha ebda dubbju li r-rikorrent, li saħansitra ħa r-riskju li jkompli jikser il-liġi minn ġewwa il-ħabs, żgur kien jaf li t-telefonati tiegħu setgħu faċilment qegħdin ikunu interċettati u jekk ma kienx jaf ma kien hemm xejn li jżommu li jistaqsi lil-legali tiegħu biex skont is-Sentenza ċitata jirregola l-kon dotta tiegħu. Il-prevedibilta' tal-liġi qegħdha hemm mhux biss biex l-individwu jkun jaf bil-konsegwenzi ta' għemilu jekk jiksirha iżda ukoll biex isservi ta' deter rent.*

*30. Għalhekk il-Qorti ma tqiesx li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ġie leż id-dritt tar-ri korrent kif imħares minn artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Huwa interessanti ukoll, li f'dan ir-rigward ir-rikorrent ma invokax l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi li ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post*

*tiegħu. Jista' jagħti l-każ, għaliex dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa aktar ristrettiv minn dak tal-Konvenzjoni".*

B'rabta wkoll ma' dan l-artikolu, fil-każ **George Degiorgio vs L-Avukat Ġenerali et** deċiż fis-26 ta' Frar 2024 il-Qorti Kostituzzjonali rriformat partzjalment is-sentenza tal-ewwel Qorti u kkonkludiet li r-rikorrent f'dak il-każ ma kienx vittma ta' ksur ta' drittijiet fundamentali.

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti żżid li r-rikorrent naqas milli jikkontradixxi dak li ngħad mill-Qrati bi provi kuntrarji u kwindi ma weriex kif l-interċettazzjonijiet mertu tal-każ b'xi mod ivvjolaw id-drittjiet fundamentali tiegħu.

**Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent b'rabta mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

***(c) <u>Allegat ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni</u>***

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*

Il-Qorti tqis li l-lanjanzi tar-rikorrent ai termini ta' dan l-artiklu mhumhuex ġustifikati. Kif tajjeb argumentaw l-intimati, il-Konvenzjoni ma testabilixxix proċedura partikolari dwar l-għoti tar-rimedju. Inoltre, kif ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fi proċeduri simili għal dawk tal-lum fil-każ **Angelus Vella et vs Avukat tal-Istat et deċiż fit-30 ta' Jannar 2024 -**

*"Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intimati li l-possibilita' li r-rikorrenti jirrikorru quddiem din l-istess Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, sabiex iressqu l-ilmenti taghhom u dan jigu mistharga u decizi minn din il-Qorti bil possibilita' ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjoni huwa kkunsidrat bhala rimedju effettiv b'dana li allura dan l-ilment jirrizulta wkoll li mhux gustifikat."*

**Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad it-talbiet tar-rikorrent b'rabta mal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

**Il-bqija tal-ewwel talba ser tintlaqa' limitatament kif deċiż u ser tkun miċħuda fil-bqija.**

**L-eċċezzjoni numru sitta tal-intimati sejra għall-istess raġunijiet tiġi miċħuda biss safejn inkompatibbli ma' dak deċiż b'rabta mal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni filwaqt li ser tintlaqa' fil-bqija safejn kompatibbli ma' dak deċiż.**

**Fil-bqija tat-tieni talba tar-rikorrent**, il-Qorti qed tintalab tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smiegh xieraq kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni stante illi fil-fehma tiegħu ż-żamma ta' data mill-

fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull aċċess lill-awtoritajiet ta' tali data u użu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' oħra hija llegali u leżiva.

Talba f'kuntest simili ġiet trattata u deċiża fil-każ suċċitat **Angelus Vella et vs Avukat tal-Istat et** -

> *"Illi jibqa' ghalhekk li din il-Qorti tistharreg it-tieni talba tar rikorrenti fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l artikolu 6 tal-Konvenzjoni u cioe' l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti konsegwenza tad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu tas-sena 2006 dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika, liema direttiva tinsab ukoll trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-Avviz Legali 198 tal-2008.*
>
> *Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti wara li rat kelma b'kelma l-ilment tar-rikorrenti u wkoll il-provi fl-atti, tirrileva li minn imkien ma jirrizulta li fl-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti sar uzu ta' din id-direttiva sabiex jingabru xi provi fil-konfront tal-istess rikorrenti akkuzati. Fil-fatt jirrizulta li l-provi esebiti fl-atti kriminali dwar komunikazzjoni mir-rikorrenti giet ottenuta wara l-hrug ta' mandat fit-termini tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux fit-termini tad-Direttiva attakkata mir-rikorrenti permezz tat-tieni talba taghhom. F'dan ir-rigward il-Qorti ghalhekk tqis li t-tmien eccezzjoni tal-intimati fejn isostnu li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghaliex il-kaz odjern l intercettazjonijiet telefonici ma sarux taht din id-Direttiva izda fit termini tal-Kap. 391 hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l istess.*
>
> *Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent naqsu milli jippruvaw kwalunkwe interess guridiku sabiex ikunu jistghu jikkontestaw il-validita' tad-Direttiva in kwistjoni f'ambitu ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali taghhom.*

*Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad ukoll il-bqija tat-tieni talba tar-rikorrenti."*

Fuq l-istess binarji l-Qorti tqis li l-provi mressqa fil-każ odjern urew li l-mandati ta' nterċettazzjoni fil-konfront tar-rikorrent inħarġu ai termini tal-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ai termini tad-Direttiva mpunjata. Huwa nieqes għalhekk l-interess ġuridiku da partu tar-rikorrent sabiex jikkontesta tali Direttiva.

**Il-bqija tat-tieni talba tar-rikorrent sejra għalhekk tiġi miċħuda.**

**Safejn kompatibbli ma' dak deċiż, l-eċċezzjoni numru sebgħa tal-intimati ser tintlaqa'.**

**Fit-tielet talba** r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti takkorda r-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkustanzi.

Il-Qorti sejra tippronunzja ruħha dwar din it-talba fir-rigward biss tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni stante li kien biss fir-rigward ta' dawk l-artikoli li nstab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Għal fini ta’ rimedju l-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi, dikjarazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali flimkien mal-għoti ta’ direzzjoni lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tassikura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent fil-proċeduri pendenti quddiemha huma suffiċjenti.

Inoltre, din il-Qorti mhijiex ser tordna l-isfilz tal-interċettazzjonijiet mill-atti tal-proċeduri kriminali stante li tali talba *se mai* għandha titressaq quddiem il-Qorti ta’ ġudikatura kriminali kompetenti.

Ebda rimedju ieħor, inkluż wieħed monetarju, mhu opportun fiċ-ċirkustanzi fil-fehma tal-Qorti.

**It-tielet talba ser tintlaqa’ limitatament kif ingħad.**

**Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjoniijiet tal-intimati sejrin jiġu miċħuda, salv għall-eċċezzjoni numru tmienja safejn kompatibbli ma’ dak deċiż.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eċċezzjoni tal-intimati, tilqa' l-eċċezzjonijiet numru tnejn, sitta, sebgħa u tmienja safejn kompatibbli ma' dak deċiż filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom;**

2. **Tilqa' limitatament l-ewwel talba u iddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi l-interċettazzjonijiet fil-każ odjern saru ai termini ta' mandat maħruġ mill-Eżekuttiv u mhux minn awtorita' gudizzjarja u għalhekk mhemmx skrutinju ġudizzjarju u serħan tal-moħħ fl-esponent illi tali prova nġabret b'mod trasparenti. Tiċħad it-talba fil-bqija.**

3. **Tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent.**

4. **Tilqa' t-tielet talba limitatament safejn marbuta tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tiddikjara li fiċ-ċirkustanzi, dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent flimkien mal-għoti ta' direzzjoni lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tassikura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-**

**istess rikorrent fil-proċeduri pendenti quddiemha huma suffiċjenti bħala rimedju.**

5. **Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**